MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 1/1999/1

Rikors Nru: 1/1999

Agent Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Giuseppina Agius

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Agent Kummissarju ta' l-Artijietipprezentat fil-11 ta' Jannar 1999 fejn espona:

1. Ill l-intimata giet notifikata b'Avviz ghal Ftehim datat 17 ta' Settembru, 1998 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond numru sebgha u erbghin (47), Triq il-Kuncizzjoni, Msida huwa ta' tmint elef u hames mitt lira Maltija (Lm8,500.00), kif jidher mir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&CE tas-6 t'Awissu 1997 li

estratt tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess avviz ghal Ftehim.

2. Illi b'ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru, 1998 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sittax-il elf lira Maltin (Lm16,000).

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimata biex titrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xi assolut bhala frank u liberu il-fond fuq imsemmi, jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jaghmilha minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta pprezentata mill-intimata Giuseppa Agius fit-30 ta' Settembru 1998 fejn esponiet:

Illi filwaqt li taghmel referenza ghall-ittra ufficjali tieghek tas-17 ta' Settembru 1998, Avviz ghall-Ftehim dwar il-fond 47, Triq il-Kuncizzjoni, Msida, tavzak illi hija ma hiex qed taccetta l-offerta tieghek fis-somma ta' Lm8,500.00 u dan peress illi l-valur ta' dan il-fond hu ferm aktar.

Il-mittenti tinterpellak sabiex thallasha l-ammont ta' sittax-il elf lira (Lm16,000) rapprezentanti l-valur ta' dan il-fond u dan skond ma jirrizulta minn certifikat rilaxxjat mill-Periti Scerri u Montesin datat 7 ta' Jannar 1998 li kopja tieghu qed tigi annessa u qed tigi lilek notifikata ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi (Dok A).

Tant ghall-informazzjoni tieghek.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Ikkunsidra:

1. Il-Perit Joseph Mizzi ghar-rikorrent xehed fis-seduta tad-9 ta' Frar 2001 u stabilixxa l-kumpens dovut fis-somma ta' Lm8500.

2. Il-Perit Anthony Scerri ghall-intimata ghamel stima ta' Lm16,000 li kkonferma fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2000 u sarlu wkoll kontro ezami.

3. Mill-pjanti esebiti l-periti mahtura mill-Bord sabu li l-wicc tas-sit kien ta' 54.98m.k. jew 12.42 qasab kwadri.

4. Il-periti wara li ezaminaw ix-xhieda, l-lokalita' tal-fond illum mwaqqa', d-daqs tieghu stmaw il-kumpens a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ammont ta' Lm 8,500, li hu l-istess bhal dak mahdum mill-perit Mizzi fl-isem ir-rikorrent.

Ghalhekk il-Bord qed jordna lill-intimata li tittrasferixxi b'titolu ta' xiri assolut bhala liberu u frank lir-rikorrent il-fond 47, Conception Street, Msida bil-kumpens ta' Lm8,500
Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala n-Nutar tar-rikorrent jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fl-ufficcju tar-rikorrent nhar l-Erbgha 21 ta' Frar, 2007 fl-10:00a.m. Jahtar lill-Avukat Dottor Richard Sladden biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

Billi l-ammont stabbilit mill-periti hu daqs dak offert mir-rikorrent, l-ispejjez li l-awtorita' kompetenti ghamlet wara li kienet maghmula l-offerta jithallsu mill-intimata li ghandha wkoll thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------